# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# IMHALLEF:

# ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 15**

**Cit. Nru. 1137/2001 GCD**

**Stephen Cassar f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta Party Time kif debitament awtorizzat**

**Vs**

**Priceclub Operators Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attur li bih, wara li ippremetta:

Illi huwa kreditur tal-konvenut fis-somma ta' Lm9,403.65 (disat elef, erba' mija u tliet liri u hamsa u sittin centezmu) oltre l-imghax legali mit-12 ta' April 2001 u dan skond diversi invoices skond skeda annessa mac-citazzjoni u mmarkata bhala Dokument "A" u "B" rapprezentanti bejgh ta' Christmas Cards, Christmas

Decorations, Everyday greeting cards, Wrapping Paper, Party Items u oggetti ohrajn ancillari;

Illi l-attur interpella lill-konvenut diversi drabi biex ihallas din is-somma ta' Lm9,403.65 oltre l-imghax legali mit-12 ta' April 2001 pero` baqa' inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut;

Illi l-attur jaf lilu nnifsu b'dawn il-fatti kif fuq iddikjarati;

Illi l-konvenut ma ghandu l-ebda eccezzjoni valida x'jissolleva;

Talab illi, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensat mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur proprio et nomine is-somma ta' Lm9,403.65 (disat elef, erba' mija u tliet liri u hamsa u sittin centezmu) oltre l-imghax legali mit-12 ta' April 2001 u dan skond diversi invoices skond skeda annessa mac-citazzjoni u mmarkata bhala Dokument "A" u "B" rapprezentanti bejgh ta' Christmas Cards, Christmas Decorations, Everyday greeting cards, Wrapping Paper, Party Items u oggetti ohrajn ancillari.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru 1919/01.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota tal-konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuta, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur kif dedotta fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm